**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRMINALI**

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D.**

**ILLUM 27 ta' Lulju 2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roxanne Tabone)**

**vs.**

**Isabel Del Socorro Diaz Ramos**

**U**

**Carmen Dolores Martin Padron**

**Il-Qorti**,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **l-imputati: Isabel Del Socorro Diaz Ramos ta' 53 sena bint il-mejjet Luis Diaz u Isabel xebba Ramos, imwielda Santa Maria De Guia Las Palmas, Spanja fit-27/06/1970 u residenti gewwa 17, C. Hinojal, Arucas, Las Palmas u detentrici tal-karta tal-identita' Spanjola numru 43763932S U Carmen Dolores Martin Padron ta' 53 sena bint Juan Miguel Martin u Teresa xebba Padron, imwieled Las Palmas, Spanja fit-10/04/1970 u**

**residenti gewwa Calle La Palma, 12B, Agaete Las Palmas, 35480 u detentrici tal-karta tal-identita' Spanjola numru 45531734Z**

**Akkuzati talli: nhar is- 26 ta' Lulju 2023 ghall-habta ta' 15.30hrs gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta:**

**Ikkommettew serq ta'flus kontanti minn portmoni li kien f'baskett gewwa it-toilets tan-nisa li gie mehud fit-toilets tad-disabled li jinsab fis-sala tal-Arrivals fis-sular ta' isfel fl-ajruport internazzjonali ta' Malta ghad-detriment ta' Armagan Sengul Akcora, liema valur jeccedi l- mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centenzmu (€232.94) u cioe €900 liema serq huwa kkwalifikat bil-valur, li l-valur tal-haga misruqa ma huwiex izjed minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u dan bi ksur tal-Artikoli 267 u 279 (a);**

**Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija, minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita skond il-ligi, jekk jidrilha xieraq joghgobha tordna hrug ta' ordni ta' trattament skond l-Art 412 D ta' Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.**

Rat id-dokumenti esebiti fosthom l-istqarrija tal-imputati (Dok RT 3 u RT 6), il-fedina penali tal-imputati (Dok RT 4 u RT 9), *current incident report* (Dok RT 10), il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja (Dok RT 11 u RT 12) u l-atti processwali kollha.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputati jammettu l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien biex jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom u jergghu jikkonsultaw ruhhom mal-avukat.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati ghar-reati addebitati lilhom u semghet ukoll lid-difiza tissottometti illi in vista tal-ammissjoni bikrija taghhom u tal-fatt li kkoperaw mal-pulizija u li r-refurtiva giet ritornata l-piena idoneja fic-cirkostanzi m'ghandhiex kun dik ta' sentenza ta' prigunerija effettiva.

***IKKUNSIDRAT***

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghhom u dawn ghalhekk gew sodisfacentement pruvati.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputati, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tar-reati addebitati fil-konfront tal-imputati, l-ammissjoni bikrija taghhom, il-fedina penali tal-imputati u c-cirkostanzi kollha tal-kaz.

***DECIDE***

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(ċ), 267 u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, ssib lill-imputati **Isabel Del Socorro Diaz Ramos** u **Carmen Dolores Martin Padron** ħatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghal perijodu ta' tnax (12) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal perjodu ta' sentejn (2) millum.

Il-Qorti spjegat lill-imputati **Isabel Del Socorro Diaz Ramos** u **Carmen Dolores Martin Padron** fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien sentejn millum.

______________

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

___________________

**Caroline Perrett**
**Deputat Reġistratur**